**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 t'Ottubru 2021**

**Talba Nru: 570/18 CZ**

**Fondazzjoni Wens – VO/0068, kif rapprezentata minn Ronald Galea u b'digriet tat-2 t'Ottubru 2019 zdied il-kliem 'u Dr. Peter Muscat bhala Chairperson tal-Fondazzjoni Wens'**

**vs.**

**Patrick Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-fondazzjoni attrici mressqa fil-11 ta' Dicembru 2018 li biha premettiet:

Illi l-intimat kien jahdem mar-rikorrenti u abbuzivament u minghajr ebda awtorizzazzjoni ta' xejn, mill-flus tar-rikorrenti dawwar a vantagg tieghu somma ta' flusli minnha ghad baqaglu jhallas il-bilanc ta' elf, mija u tmienja u hamsin Euro u disgha u tletin centezmu (€1,158.39). Hu gie mitlub diversi drabi biex jirrinfondihom izda inutilment ghax avjola huwa ammetta li lest li jhallashom lura, anke permezz ta' e-mails li huwa baghat lir-rikorrenti, baqa' ma' ghamel xejn.

Ghalhekk ir-rikorrenti titlob li l-intimat jigi ikkundannat ihallas l-istess somma ta' €1,158.39. Bl-imghax legali mid-data tal-prezenti u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tal-5 ta' Novembru 2018 kontra l-intimat li jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fis-7 ta' Mejju 2019, li biha eccepixxa:

1. Illi in linea preliminari l-fondazzjoni attrici ghandha turi illi din il-procedura inbdiet ai termini tal-istatut kostituttiv taghha u li s-Sur Ronald Galea huwa debitament awtorizzat sabiex jirraprezenta l-fondazzjoni attrici;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponent qed jirribatti bis-sahha kollha t-talba attrici bhala wahda infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi hu assolutament inveritier li dawwar a vantagg tieghu u minghajr ebda awtorizzazzjoni somma ta' flus tal-fondazzjoni attrici;
3. Ghaldaqstant it-talba attrici ghandha tigi michuda in toto;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-fondazzjoni attrici illi minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Ra wkoll il-kontro-talba tal-istess konvenut li permezz taghha premetta:

1. Illi l-konvenut rikonvenjenti wettaq diversi xoghlijiet oltre l-impjieg tieghu a favur il-fondazzjoni rikonvenuta ta' liema xoghol ghadu ma thallasx;
2. Illi dan ix-xoghol fost affarijiet ohra kien jikkonsisti f'modifiki, fabbrikazzjoni, xoghol ta' spray u xkatlar fuq il-vettura ossia 'Coach' tat-tip 'King Long' targat 'TFI 317' li tappartjeni mill-fondazzjoni rikonvenuta u liema xoghol kien mifrux fuq medda ta' sena shiha;
3. Illi inoltre l-konvenut rikonvenjenti wettaq xoghol estensiv fuq il-vettura ossa 'mini-bus' targata 'ACH 132' propjeta' tal-fondazzjoni rikonvenuta u liema xoghol jeccedi il-hames mitt (500) siegha;
4. Illi tal-imsemmi xoghol il-konvenut ma thallasx mill-fondazzjoni rikonvenuta;
5. Illi skond il-principju *omina labor optat premio* il-konvenut rikonvenjenti ghandu jithallas tax-xoghol li wettaq ghall-beneficcju tal-fondazzjoni konvenuta;
6. Illi t-talba tal-konvenut rikonvenjenti qed tigi limitata ghall-ammont ta' €5,000;

Ghalhekk il-konvenut rikonvenjenti jitlob li l-fondazzjoni rikonvenuta tigi kundannata thallsu s-somma ta' hamest'elef Euro (€5,000). Bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra l-fondazzjoni rikonvenuta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta ghall-kontro-talba imressqa mill-fondazzjoni rikonvenzjonata fis-27 ta' Mejju 2019, li biha eccepiet:

Illi t-talbiet tal-intimat, kif kontenuti fil-kontro-talba tieghu, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Kwantu ghat-talba in konnessjoni max-xoghol esegwit fuq il-Coach bin-numru TFI-317 jinghad illi l-istess coach mhix u qatt ma kienet propjeta' tal-fondazzjoni rikorrenti izda kienet tappartjeni lill-'Ghaqda Zghazagh b'Dizabilita'. Kwindi f'dan ir-rigward il-fondazzjoni rikorrenti mhix il-legittima

kontradittur. Indipendentement minn dan, u b'zieda, jinghad li x-xoghol kollu li ghamel l-intimat fuq l-istess coach kien fuq bazi volontarja (li, jigi enfasizzat, ma kienx fl-interess tal-fondazzjoni rikorrenti), u kien l-intimat li ghazel li jmur ghand France Garage, fejn kien qed jigi esegwit dan ix-xoghol, u jghin lill-istess propjetarju ta' dak il-garage fix-xoghol ta' riparazzjoni li kien qed jigi esegwit fuq l-istess vettura;

2. Illi kwantu imbaghad ghat-talba tieghu ghall-kumpens ghal xoghol li saru fuq il-minibus targata 'ACH 132' jinghad illi kien fuq suggeriment tal-istess intimat illi l-imsemmi coach kien gie mizbugh (sprayed) u l-esponenti dejjem irrifonda lill-intimat kull spiza li talbu fir-rigward.
3. Illi meta esegwixxa l-istess xoghol fuq dawn iz-zewg coaches, l-intimat ma kienx impjegat mal-fondazzjoni rikorrenti u llum kwalsiasi talba ghall-hlas, fi kwalunkwe kaz, hija preskritta bid-dekors ta' tmintax-il xahar ai termini ta' dak li jistipula l-artiklu 2148(a) tal-Kap. 16.
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

It-Tribunal:

Sema' x-xiehda ta' Ronald Galea[1], Profs. Peter Muscat[2], il-konvenut[3], Anna Azzopardi[4], u Francis Attard[5].

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni.

---

[1] Fol. 24 u fol. 50, u kontro-ezami a fol. 54
[2] Fol. 61
[3] Fol. 67, u kontro-ezami fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2021
[4] Fol. 74
[5] Fol. 93

Ra illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidra:

Illi x-xhud **Ronald Galea** xehed illi huwa Gvernatur u Segratarju tal-Bord tal-Gvernaturi tal-fondazzjoni attrici. Ir-rapprezentanza guridika tal-Fondazzjoni hija fih bhala Segretarju u fil-President. Esebixxa wkoll l-istatut tal-Fondazzjoni, ic-certifikat ta'registrazzjoni tal-istess, u l-att illi bih twaqqfet. Xehed ukoll illi l-konvenut kien impjegat mal-fondazzjoni attrici u li maz-zmien induna illi l-konvenut kien qed jitfa' fuel fil-karozza privata tieghu minn pompa tal-petrol fejn il-fondazzjoni kellha arrangament illi timla vetturi taghha, u dan bhala gwadann personali ghall-konvenut a skapitu tal-fondazzjoni attrici. Dan kollu wassal sabiex il-fondazzjoni attrici pretendiet li kellha tithallas lura elf, seba' mija u sebgha u hamsin Euro (€1,757), li minnhom il-konvenut ghamel xi hlasijiet, biex l-ammont naqas ghal elf, mija u tmienja u hamsin Euro u disgha u tletin centezmu (€1,158.39). Dan ix-xhud esebixxa wkoll xi e-mails biex juri li l-konvenut kien qallu li kien se jhallas dan l-ammont. Partikolarment, hemm e-mail mill-konvenut tat-3 t'Ottubru 2018, fen kien qal lix-xhud li ha jibda jhallas mill-ahhar ta' dak ix-xahar. Hemm ukoll e-mail ohra, dik tas-17 ta' Gunju 2018, fejn il-konvenut kien iddikjara li kien ser ihallas l-ammont kollu li kien qed jghidlu dwaru x-xhud. Ix-xhud qal ukoll illi fir-rigward tal-kontro-talba, il-coach li semmiet mill-konvenut fil-kontro-talba tieghu kienet tal-Ghaqda Zghazagh b'Dizabilita', u mhux tal-fondazzjoni attrici. Xehed ukoll illi dawn iz-zewg ghaqdiet huma distinti minn xulxin. In kontro-ezami xehed illi l-fondazzjoni qatt m'awtorizzat lill-konvenut sabiex jitfa' fuel fil-karozza tieghu personali, u l-karozza tieghu ma kellhiex tintuza mill-fondazzjoni attrici. Kull meta l-konvenut uza l-vettura tieghu ghal xoghol tal-fondazzjoni attrici, u kellu l-awtorizzazzjoni tal-fondazzjoni biex jaghmel dan, il-konvenut kien jithallas ghall-uzu tal-karozza u mhux ghall-fuel. Qal ukoll illi dwar ix-xoghlijiet fuq il-coach, dawn il-konvenut ghamilhom ghax ried hu,

ghaliex fil-fatt il-fondazzjoni din il-vettura kienet haditha ghand panel beater li kellu jahdem fuha hu.

Illi xehed ukoll **<u>Dr. Peter Muscat</u>** li qal li huwa Chairman tal-fondazzjoni attrici, u gie infurmat dwar din il-kwistjoni waqt laqgha tal-fondzzjoni f'xi zmien qabel infethet il-kawza odjerna u l-bord kien awtorizza lil Ronald Galea sabiex imexxi kif ihoss li hemm bzonn.

Illi **<u>l-konvenut</u>** xehed illi kien beda jahdem fuq il-coach in kwestjoni minn qabel ma sar impjegat tal-fondazzjoni attrici. Sussegwentement dahal jahdem mal-fondazzjoni, u ghamel xi kuntatti ma' barra sabiex ingabu zewg mini-buses. Meta beda jara li l-fondazzjoni ha tibda iktar toffri servizzi ta' trasport kummercjali, u kien talab lill-fondazzjoni sabiex thallslu l-fuel, peress li beda jaghmel hafna qadjiet u giri bil-karozza tieghu. Dan waqt li l-konvenut kien imhallas bil-paga izda juza l-karozza tieghu ghal xoghol tal-fondazzjoni. Rigward l-ammont ta' Euro 1158.39 li talbitu jrodd il-fondazzjoni, qal li kien ghamel hsieb f'certu zmien li jhallashom, izda eventwalment meta ra li l-fondazzjoni kienet ha timxi b'mod kummercjali fir-rigward tat-trasport, biddel il-hsieb. Il-konvenut qal li mar ghal madwar sena jghin lil min kien inkarigat jirranga l-coach u jiehu hsieb dan ix-xoghol. Hadem ukoll fuq il-mini-bus Mercedes. Ix-xoghol li kien jaghmel ghall-fondazzjoni l-konvenut, f'dak li ghandu x'jaqsam ma' trasport, kien ikun xoghol volontarju jekk jahbat fi tmien il-gimgha, ghaliex xoghlu ufficcjalment kien mit-Tnejn sal-Gimgha. In kontro-ezami xehed illi kien dahal jahdem mal-fondazzjoni f'Lulju tal-2017. Il-konvenut kien jaghti l-fuel lill-vetturi ta-fondazzjoni u lill-vettura tieghu mill-istess pompa tal-petrol, u din tal-ahhar kienet tibghat ic-chit relattiv ghat-tehid tal-fuel lill-fondazzjoni direttament. Rikonciljazzoni bejn ic-chits li kellu l-konvenut u c-chits li kienu ghand il-fondazzjoni qatt ma saret. Meta l-fondazzjoni attrici talbitu l-hlas in kwestjoni, kien ha jhallas u fil-fatt kien baghat e-mail f'dan is-sens, izda mbaghad ra li l-affarijiet kien giet kummercjalizzata wisq u kien biddel il-hsieb.

Illi xehdet ukoll **Anna Azzopardi**, mart il-konvenut, li xehdet dwar kif kienet tmur tghin lil zewgha fix-xoghol tal-fondazzjoni u dwar kemm zewgha dam jghin sabiex tlesta l-coach. Xehed ukoll **Francis Attard** li kien inkarigat sabiex jirranga x-xarabank u kkonferma li l-konvenut kien imur hdejh jghinu fix-xoghol, kemm ghax-xarabank, kif ukoll ghall-vannijiet li ngabu minn barra wara.

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi kwantu ghat-talba originali, ghandu jirrizulta illi l-ewwel eccezzjoni giet indirizzata bid-dokumenti li prezentat il-fondazzjoni attrici, u rrizulta illi huwa s-Segretarju u c-Chairman li ghandhom is-setgha jidhru fi proceduri bhal dawn, wara li jkunu gew awtorizzati, kif fil-fatt gew. Mix-xiehda ta' Dr. Peter Muscat jirrizulta illi l-awtorizzazzjoni ghal dawn il-proceduri inghatat, u wara z-zieda li saret fl-okkju matul il-kawza, din l-eccezzjoni giet inidirizzata.

Illi ghalkemm il-konvenut permezz tat-tieni eccezzjoni qed jindika li m'ghandux jaghti lill-fondazzjoni attrici, jirrizulta, partikolariment minn e-mail esebita a fol. 44 tal-process, illi l-konvenut kien irrikonoxxa ma' Ronald Galea, segretarju tal-fondazzjoni attrici, illi kellu jaghti, tant li kien qal li ha jibda jhallas mill-ahhar ta' dak ix-xahar.

Illi din l-ammissjoni l-konvenut jerga' jaghmilha fix-xiehda tieghu in kontro-ezami. Jghid izda illi darlu l-hsieb dwar jekk ghandux ihallas jew le, minhabba li kien ra li l-fondazzjoni qed topera b'mod kummercjali. Din kienet osservazzjoni pero' li l-konvenut, ghalkemm seta' validament jaghmilha, ma setghet bl-ebda mod isservi bhala gustifikazzjoni sabiex ma jhallasx ammont pretiz illi hu kien gia ammetta li ghandu jaghti. Jirrizulta car illi rikonciljazzjoni vera u propja tad-dokumenti li kellu hu u ta' dawk li kienu f'idejn il-fondazzjoni dwar it-tehid tal-fuel ma saritx. Il-konvenut telaq jahdem ma' haddiehor, tant li l-principal il-gdid hallaslu ghall-perjodu tan-*notice*, izda ma tax kont ta' x'kien ghamel fir-rigward tal-fuel.

Illi ghalhekk it-Tribunal jirrizultalu illi t-talba tal-fondazzjoni attrici ghandha tintlaqa'.

Illi kwantu ghall-kontro-talba, il-konvenut qed jippretendi hlas ghal xoghol li jallega li ghamel, principalment ghall-irrangar tat-tliet vetturi li akkwistat u rrangat il-fondazzjoni attrici.

Illi l-fondazzjoni attrici rikonvenzjonata eccepiet illi dawn il-vetturi mhumiex propjeta' taghha izda tal-Ghaqda Zghazagh b'Dizabilita', u li ghalhekk il-fondazzjoni attrici rikonvenzjonata ma hix il-legittima kontradittur. It-Tribunal ma ra l-ebda dokumenti, b'mod partikolari log books, jew dokumenti ta' registrazzjoni ta' vetturi, li jindikaw li fil-fatt dan huwa l-kaz, u ghaldaqstant din l-eccezzjoni ma gietx pruvata.

Illi fit-tielet eccezzjoni, pero' il-fondzzjoni attrici teccepixxi illi t-talba ghal hlas hija preskritta bid-dekors ta' tmintax-il xahar ai termini tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Hija din l-eccezzjoni li jehtieg tigi l-ewwel u qabel xejn tigi indirizzata. Mill-provi prodotti ma harigx car meta nxtrat u meta sar ix-xoghol fuq kull wahda mill-vetturi li ssemmew. Li rrizulta car pero' kien illi x-xoghol fuq il-coach in kwestjoni kien sar qabel ma l-konvenut kien ufficcjalment impjegat mal-fondazzjoni attrici, u cioe' ghalhekk qabel Lulju 2017. Il-kontro-talba fil-kawza odjerna saret fis-7 ta' Mejju 2019, u ghalhekk it-tmintax-il xahar fil-konfront tax-xoghol fuq il-coach in kwestjoni kien zgur illi diga' ghaddew. In kwantu ghax-xoghol fuq iz-zewg coaches l-ohra, ghandu jinghad illi l-konvenut beda jahdem mal-fondazzjoni attrici f'Lulju 2017 u waqaf jahdem mal-fondazzjoni attrici fit-3 t'Awwissu 2018. Il-vannijiet (mhux il-coach) ma kinux fil-fondazzjoni meta l-ewwel li sar impjegat. Sussegwentement inxtraw dawn ukoll, u sar ix-xoghol fuqhom. Il-konvenut jindika li ha hames xhur biex gab certi kuntatti sabiex ikunu jistghu jintuzaw dawn il-vannijiet. Illi jekk wiehed jikkunsidra ghalhekk illi sa hames xhur wara li kien impjegat, il-vannijiet kienu lesti, ix-xoghol fuqhom allura sar mhux aktar tard minn

Dicembru 2017. Il-kontro-talba saret propju sbatax-il xahar wara, u lit-Tribunal ma jirrizultalux meta tlesta x-xoghol fuq il-vannijiet in kwestjoni. Mhuwiex car ghalhekk illi kwantu ghax-xoghol fuq il-vannijiet tapplika l-preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar.

Illi kwantu ghal dan ix-xoghol, ghalhekk it-Tribunal jehtieg jara jekk verament huwiex dovut lill-konvenut xi hlas. Jirrizulta lit-Tribunal, pero', illi l-konvenut naqas li jikkwantifika b'mod preciz ix-xoghlijiet li qed jallega li ghamel u x'ghandu jkun il-hlas ghalihom. It-Tribunal jinnota illi c-cifra mitluba hija fil-massimu tal-kompetenza tieghu, u giet limitata ghal dan l-ammont wara li l-konvenut iddikjara li skond hu ghandu jithallas ammont ikbar.

Illi izda minn dak li fehem it-Tribunal mix-xiehda, anke mix-xiehda tal-konvenut stess, ix-xoghol barrani li kien qed jaghmel il-konvenut wara l-hin tax-xoghol mal-fondazzjoni, meta kient imur fil-garage u jghin fi-tiswija, kien qed jaghmlu volontarjament. Il-konvenut wara kollox kien qed jircievi l-paga mill-fondazzjoni ghall-impjieg tieghu, u dak iz-zmien fl-ebda hin ma talab xi hlas iehor oltre l-paga. Il-konvenut innifsu xehed illi jhobb l-ingenji u dan it-tip ta' xoghol, tant li ghax-xhud Frans Attard, il-konvenut kien jipprezenta ruhu bhal li kieku s-sid tal-vetturi. F'dan ir-rigward, it-Tribunal huwa ghalhekk propens li jilqa' t-tieni parti tal-ewwel eccezzjoni tal-fondazzjoni attrici rikonvenzjonata, fis-sens li din irrilevat illi x-xoghol kollu li ghamel il-konvenut rikonvenzjonant fuq il-coach kien kollu volontarju. Li kieku ma kienx hekk, il-konvenut kien juri li jrid hlas dak iz-zmien, jew f'kull zmien wara, u mhux biss meta jircievi l-kawza odjerna.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi kwantu ghat-talba promotrici, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jilqa' t-talbiet attrici, u jordna lill-konvenut ihallas lill-fondazzjoni attrici s-somma ta' elf, mija u tmienja u hamsin Euro u disgha u tletin centezmu (€1,158.39), bl-imghax kif mitlub sad-data tal-hlas effettiv. Kwantu ghall-kontro-talba, it-Tribunal qieghed ghar-ragunijiet fuq imsemmija jilqa' parzjalment l-eccezzjonijiet tal-fondazzjoni attrici rikonvenzjonata,

u jichad it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant.  L-ispejjez u drittjiet relattivi ghat-talba promotrici ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut, filwaqt li dawk relattivi ghall-kontro-talba ghandhom jithallsu kwantu ghal kwint (1/5) mill-fondazzjoni attrici rikonvenzjonata, u erba' partijiet minn hamsa (4/5) mill-konvenut rikonvenzjonant.

**Dr. Claudio Zammit**

**Ġudikatur**

Susanna Fenech

Deputat Reġistratur